# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Rikors Numru: 98/2009**

**KALCIDON VELLA u MARY VELLA**

**Vs**

**MALTA DIARY PRODUCTS LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-23 ta' Jannar 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*" Il-Qorti*

*Rat l-avviz ippresentat fis-16 ta' Marzu 2009 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundana lis-socjeta intimata thallashom is-somma ta' sitt elef, disgha mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) rappresentanti danni sofferti minnhom bhala rizultat tal-fatt illi huma twaqqfu abbuzivament u illegalment milli jbieghu il-halib lis-socjeta intimata ghal periodu ta' xahar.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fis-6 ta' April 2009 fejn sahqet illi r-rikorrenti ma soffrew ebda danni ghax kienu l-istess rikorrenti li kien qed jipprovaw ibieghu lis-socjeta intimata halib imhallat bl-ilma u dana biex iqarrqu biha u dana gara f'diversi okkazzjonijiet. Kopja Informali ta' Sentenza*

*Rat l-affidavit tar-rikorrenti* ***Kalcedonio Vella*** *ippresentat fit 23 ta' Gunju 2010.*

*Rat il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ghal bejgh u xiri tal-halib bejn il-partijiet, liema ftehim dahal fis-sehh b'effett mill-1 ta' Mejju 2005 (fol 32 sa 51).*

*Rat it-twissija mibghuta lir-rahhala kollha datata 28 ta' Jannar 2009 mis-socjeta intimata fejn kien hemm indikat, fost affarjiet ohra, li f'kaz li jinkisru xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt, fosthom li ma jkunx kontaminat, dana jitqies hala abbuz serju w is-socjeta intimata ma kienetx ser taccetta halib minghand l-istess produttur ghal periodu definit ta' tletin (30) gurnata (fol 59).*

*Ra l-ittri mibghuta mis-socjeta intimata datati 2 u 4 ta' Frar 2009 fejn ir-rikorrenti gew mgharrfa illi, bhala rizultat ta' Cirkolari mibghuta lir-rahhala kollha fit 28 ta' Jannar 2009, filwaqt li accettaw il-halib minnu pprovdut sa dakinhar, in vista tal-fatt illi kien irrizulta li l-halib kien fih sustanza barranija ossija ilma go fih, huma ma kienux ser jaccettaw halib minghandu ghal periodu ta' xahar jigifieri sal 5 ta' Marzu 2009. (fol 52 et seq)*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Stefan Mifsud****, Quality Assurance Manager fi hdan is-socjeta intimata, moghtija fis 27 ta' Jannar 2012 u 3 ta' Mejju 2013 flimkien mad-dokumenti minnu esebiti.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Martin Grech****, impjegat tas-socjeta intimata, moghtija fil 25 ta' Frar 2013, flimkien ma' dokumentazzjoni dwar hlasijiet illi saru lir-rikorrenti fil-periodu ta' bejn Jannar 2009 u Marzu 2009.*

*Semghet ix-xhieda in kontro ezami tar-rikorrent* ***Kalcedonio Vella****, moghtija fit 3 ta' Mejju 2013.*

*Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum bil-fakolta' illi jigu ppresentati noti ta' sottomissjonijiet.*

*Rat illi ma gie ippresentati noti ta' sottomissjonijiet.*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-kawza odjerna tirrigwarda danni illi r-rikorrenti qed jippretendu li inkorrew rizultat tal-fatt illi s-socjeta intimata naqqset milli tixtri halib minghand ir-rikorrenti ghal periodu ta' xahar minn meta saret taf li l-halib kien kontaminat.*

*Illi jirrizulta mill-provi prodotti li l-partijiet kienu dahlu fi ftehim li gie effettiv b'effett mill 1 ta' Mejju 2005 fejn ir-Kopja Informali ta' Sentenza*

*rikorrenti obbligaw ruhhom illi jipprovdu halib ghal bejgh esklusivament lis-socjeta intimata u l-istess obbligat ruhha li tixtri dana il-halib minghandhom.*

*Illi l-kuntratt jistipula varji drittijiet u obbligi fuq iz-zewgt partijiet, fosthom illi r-rikorrenti jipprovdu halib illi huwa tal-kwalita' stabbilita' fil-ftehim. Minn naha l-ohra, l-istess ftehim jaghti dritt lis-socjeta intimata li ma taccettax halib f'kaz illi ma jkunx tal kwalita' pattwita.*

*Klawsola 11.10 tal-kuntratt jghid is-segwenti:-*

*" Il-kumpannija ghandha d-dritt li ma taccettax halib minghand Produttur kemm il-darba il-kwalita' tal-halib fornut minn dak il-Produttur ma tkunx tal-kwalita' mitluba, u dan wara zewgt testijiet konsekuttivi li jkunu sary fuq forrnituri precendenti."*

*Klawsola 11.11 imbghad tipprovdi li :-*

*"Il-kumpannija tkun tista terrgha taccetta halib minghand dak il-Produttur imsemmi fil-paragrafu 11.10 kemm il-darba dan ikun isoddisfa lill-kumpannija illi huwa qieghed jerga jipproduci halib tal-kwalita' mitluba, u dan skond dawk il-kundizjonijiet u azzjonjiet li l-kumpannija tista' tiehu biex tizgura dan."*

*Illi jirrizulta li permezz ta' Cirkolari mahruga mir-rahhala kollha fit 28 ta' Jannar 2009, is-socjeta intimata avzat lill-kullhadd illi jekk xi hadd jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet imsemmija kemm fil-kuntratt kif ukoll fic-cirkolari,*

*huma kienu ser jieqfu milli jixtru halib minghandhom ghal periodu ta' tletin gurnata.*

*Ikkunsidrat*

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li, fit 30 ta' Jannar 2009 kif ukoll fl 1 ta' Frar 2009 u fit 2 ta' Frar 2009, irrizulta illi l-halib li kienu ipprovdew ir-rikorrenti lis-socjeta intimata kien ikkontaminat bl-ilma, bir-rizultat illi huma kienu qed iqisu tali nuqqas bhala nuqqas serju. Ghalhekk, is-socjeta intimata avzat lir-rikorrenti li ma kienux ser jaccettaw il-halib ghal periodu ta' xahar.*

*Illi, jirrizulta madanakollu, illi s-socjeta intimata, flok ma rrifjutat il-halib illi kien dikjarat kontaminat minnha, ghaddiet biex xtrat il-halib, izda bi prezz inferjuri ghal dak ta' halib tajjeb, u dana peress illi tqies illi kien halib ta' kwalita' inferjuri izda, la darba kien ittiehed mis-socjeta Kopja Informali ta' Sentenza*

*intimata, dana kien ser jithallas lilu b'rata imnaqqsa skond iil-ftehim illi kellhom il-partijiet.*

*Ikkunsidrat*

*Ir-rikorrenti, in vista ta' dina d-decizjoni unilaterali tas-socjeta intimata, sahaq illi ghal xahar shih kien tilef hafna flus. Biex wasal ghas-somma tad-danni minnu inkorsi, huwa ikkalkola li kull jum jipproduci madwar disghin gallun halib, ghal liema halib huwa jithallas €2.33 ghal kull gallun. Ghalhekk, mghoddi tali valur tul it-tletin gurnata illi fih kien wieqaf, huwa ikkonkluda illi d-danni tieghu kienu jammontaw ghal €6,988.12.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi bil-konteggi maghmulha mir-rikorrenti, attwalment in-nuqqas ta' bejgh jammont ghal €6,291 u mhux is-somma minnu indikata. Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi, skond ir-records tas-socjeta intimata, fix-xahar ta' Jannar qabel ma' twaqqaf, li allura fiha 31 gurnata, il-bejgh totali kien ta' €3,732.98 filwaqt illi fix-xahar ta' Marzu, wara illi kien wieqaf ghal xahar, il-produzzjoni tieghu tellat total ta' bejgh ta' €5,774.32. Ghalhekk, il-konteggi maghmulha mir-rikorrenti ma huma xejn kredibbli.*

*Ikkunsidrat*

*Illi r-rikorrent jikkontendi illi, ladarba s-socjeta intimata kienet dahhlet fl-obbligu illi tixtri l-halib minghand ir-rikorrent, allura kienet obbligata illi tkompli tiehu l-halib minghandu, ghalkemm mhux tal-kwalita' pattwita'.*

*Illi, madanakollu, jigi rilevat illi tali obbligu ma johrogx mill-ftehim ta' bejn il-partijiet. Huwa vera illi l-periodu ta' tletin gurnata wieqaf ma tohrog minn imkien fil-ftehim, izda, l-Qorti tinnota li l-ftehim jghid espressament fl-artikolu 11.11 illi s-socjeta intimata setghet terggha taccetta li tixtri halib minghanr ir-rikorrent "kemm il-darba dan (jigifieri ir-rikorrenti) ikun issodisfa lill-kumpannija (jigifieri is-socjeta intimata) illi huwa qieghed jerga jipproduci halib tal-kwalita' mitluba u dan skond dawk il-kundizzjonijiet u azzjonijiet li l-kumpannija tista' tiehu biex tizgura dan." Kopja Informali ta' Sentenza*

*Illi l-Qorti tinnota li minn imkien fix-xhieda tar-rikorrenti ma ingiebet prova illi huwa ghamel it-testijiet necessarji sabiex jipprova lis-socjeta intimata illi l-halib tieghu kien tajjeb. Huwa kien qieghed jippretendi li tali testijiet isiru mis-socjeta intimata, meta l-obbligu skond il-ftehim huwa li huwa jippruvalha li l-halib tieghu huwa tajjeb.*

*Il-Qorti tifhem illi r-rikorrenti, ghall periodu ta' xahar ma kienx qieghed ibiegh il-prodott tieghu lis-socjeta intimata, u dana seta rrekalu danni fis-sens ta' nuqqas ta' qliegh, ghalkemm ma ngibietx prova li attwalment il-halib intrema. Madanakollu, ir-rikorrent ma ghamel xejn sabiex jikkontesta d-decizjoni tas-socjeta intimata u juriha illi l-halib tieghu kien tajjeb sabiex jittiehed mis-socjeta intimata.*

*Ir-rikorrent kien ikun korrett u konsiderat favorevolment kieku ha hsieb li jaghmel it-testijiet necessarji minnufih biex jiskolpa lilu nniffsu minn allegazzjoni li l-produzzjoni tal-halib kienet hazina. Kieku dana gara, allura certament is-socjeta intimata kienet tkun obbligata illi taccetta il-halib tar-rikorrenti jew inkella tkun responsabbli ghad-danni. Dana jinghad ghax illi l-imposizzjoni unilaterali tat-tletin gurnata twaqqif ta' bejgh da parte taghha certament ma jistax jitqies bhala applikabbli bejn il-partijiet, ghax ma hijiex kkontemplata fil-ftehim.*

*Madanakollu, la darba r-rikorrenti naqas illi jipprova li l-halib tieghu kien tajjeb u tal-kwalita' mitluba, is-socjeta intimata kellha kull dritt illi ma taccettax il-halib minn prodott sakemm jidhrilha hi.*

*Konkluzjoni*

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha u semghet ix-xhieda kollha*

*Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi*

*Tilqa l-eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta intimata u*

*Tichad it-talbiet attrici*

*Spejjez ta' tali proceduri ikunu a karigu tar-rikorrenti.”*

Illi minn din is-sentenza appellaw Kalcidon u Mary Vella bl-aggravji illi l-Ewwel Qorti ma kenitx korretta fl-eżerċizzju li għamlet meta ikkonkludiet illi l-appellanti naqqsu milli jippruvaw illi l-halib taghhom kien tal-kwalita pattwita u li s-socjeta appellata allura kellha id-dmir skont il-kuntratt iffirmat bejniethom li tixtri dak il-halib u dan ghal perijodu ta’ xahar. Dan ghaliex mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet tali sanzjoni ma hijiex ikkontemplata u l-obbligu sabiex isiru it-testijiet fuq il-halib ikkonsenjat jaqa’ fuq s-socjeta appellata u mhux fuq ir-rahhal. Jekk jirrizulta illi f’jum partikoalri il-halib huwa ikkontaminat, allura is-socjeta appellata ghandha il-jedd tirrifjuta li tixtri il-halib ghal dak il-jum biss u meta ir-rahhal jerga’ imur sabiex ibiegh il-halib, is-socjeta appellata ghandha l-obbligu li tixtrieh kemm il-darba dan ikun ta’ kwalita tajba.

Illi mill-fatti li jemergu mill-atti jirrizulta illi l-appellanti kien dahal fi ftehim mas-socjeta appellata ghal bejgh tal-halib fejn fost affarijiet ohra ir-rahhal jobbliga ruhu illi iforni halib b’dak li hu mehtieg bhala minimu fit-termini ta’ kwalita u dan skont kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kundizzjonijiet elenkati f’ Appendici 2 anness mal-kuntratt. Illi dawn il-kriterji, skont l-istess ftehim jistghu jigu varjati biss bi ftehim bejn il-kumpanija u ir-rapprezentanti tal-produttur, b’dan illi l-prodottur ghandu jigi moghti tlett xhur pre-avviz sakemm

it-tibdiliet ma jidhlux fis-sehh bil-forza tal-ligi[1]. Illi fil-klawsola 11.1 imbaghad gie pattwit illi hija fid-diskrezzjoni tal-kumpanija illi ma taccettax il-halib li ma jikkonformax ruhu ma' dawn l-istandards ta' kwalita u li ghalhekk il-prodottur huwa mizmum responsabbli jekk iforni halib li ikun kontaminat. Illi huwa id-dmir tal-kumpanija illi tiehu dawk it-testijiet qabel ma taccetta l-halib minn ghand ir-rahhal u dan ghas-spejjez ta'l-istess kumpanija. Illi f'nuqqas ta' ftehim imbaghad il-produttur jista' jitlob li jinghata kampjun sabiex l-istess jigi ittestjat minn terza persuna.

Illi jekk jirrizulta mit-testijiet illi l-halib mhuwiex tal-kwalita mitluba il-kumpanija ghandha il-jedd ma taccettax l-istess halib u dan wara li ikunu saru zewg testijiet konsekuttivi fuq fornituri precedenti[2]. Wara dan il-kumpanija terga' taccetta l-halib minn ghand il-produttur kemm il-darba huwa jissodisfa lill-kumpanija illi il-halib li qed jipproduci huwa tal-kwalita mitluba "u dan skont dawk il-kondizzjonijiet u azzjonijiet li l-kumpanija tista' tiehu biex tizgura dan."

Illi rilevanti ghall-punt devolut il-klawsola numru 17.4 tal-kuntratt illi jistipula is-segwenti:
"Il-kumpanija tista' ttemm dan il-ftehim immedjatament b'avviz bil-miktub jekk il-Produttur jikser l-ispecifikazzjonijiet tal-kwalita imnizzlin f'Appendici 2 ta' dan il-kuntratt u jonqos milli jsewwi dan il-ksur b'mod ragjoneveoli li jissodisfa lill-kumpanija u f'perijodu ta' zmien sepcifikat mill-kumpanija."

Illi dawn il-klawsoli relevanti fil-kuntratt pattwit bejn il-ko-litigandi qed jigu enfasizzati il-ghaliex huwa fatt inkontestat u li jemergi mill-atti illi dak li wassal

[1] Ara fol.49 tal-process

[2] Ara klawsola numru 11.10 tal-kuntratt

ghal kontestazzjoni odjerna kien il-fatt illi meta il-halib tar-rahhal appellanti gie ittestjat mis-socjeta appellata dan instab li kien imhallat bl-ilma. Jidher illi dan sehh f'iktar minn okkazzjoni wahda. Illi fil-fatt il-klawsola 3 tal-Appendici 1 anness mal-ftehim jispecifika illi:

"Halib li jkun fih ilma barrani, hekk kif determinat mit-test li taghmel il-kumpanija dwar il-punt ta'l-iffrizar tal-halib, jista' jkun suggett ghal tnaqqis fil-prezz ghal kull litru hekk kif ordnat bil-miktub mill-kumpanija f'tabella ta' aggustament tal-prezz minn zmien ghal zmien."

Illi huwa appuntu dan li sehh fil-kaz in dizamina u dan meta s-socjeta appellata hallset lill-appellanti bi prezz iktar baxx minhabba il-kontaminazzjoni ta'l-ilma fil-halib. Madanakollu b'zieda ma' din is-sanzjoni kif pattwit, is-socjeta appellata imponiet sanzjoni ohra fuq ir-rahhal fis-sens illi iddecidiet illi ma taccettax il-halib minnghandu u dan ghal perijodu ta' tletin jum. Illi minn hawn qamet il-kwistjoni devoluta ghal gudizzju tal-qorti u dan ghaliex l-appellanti kien tal-fehma illi tali sanzjoni ma hijiex pattwita fil-kuntratt iffirmat bejnu u l-Malta Dairy Products, izda giet unilateralment imposta minghajr ebda konsultazzjoni jew pre-avviz. Ghal dan il-ksur tal-patt kontrattwali, allura l-appellanti fittex lis-socjeta appellata ghad-danni konsegwenzjali ghal fatt illi ghal xahar shih huwa ma setax ibiegh il-prodott tieghu.

Illi s-socjeta appellanti tishaq illi hija kellha kull jedd tohrog l-avviz tat-28 ta' Jannar 2009 fejn imponiet is-sanzjoni fuq ir-rahhal tar-rifjut tal-halib meta isehh ksur ta' wahda mir-regolamenti, ghal perijodu ta' tletin jum u li tapplika din is-sanzjoni fil-konfront ta'l-appellanti. Dan bis-sahha tal-jedd moghti lilha fil-klawsola numru 11.11 tal-kuntratt li jistipula illi l-kumpanija ghandha id-dritt tiehu dawk l-azzjonijiet u timponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa sabiex tizgura illi r-rahhal qieghed jerga' jipproduci il-halib skont il-kwalita

mitluba u allura tali kundizzjoni illi l-halib ma jigiex accettat ghal perijodu ta' xahar huwa wiehed min dawk il-mizuri mehuda mill-kumpanija.

Illi fid-decizjoni impunjata, l-Ewwel Qorti ghalkemm sahhqet illi s-socjeta appellanti ma setatx unilateralment timponi kundizzjonijiet godda fuq ir-rahhala, madanakollu ai termini ta'l-istess klawosla ikkonkludiet illi kien jinkombi fuq l-appellanti li jipprova ghas-sodisfazzjon tas-socjeta appellanti illi il-halib tieghu ikun skond l-istandards tal-kwalita mehtiega, haga li hu naqas milli jaghmel u li kwindi is-socjeta appellata kellha id-dritt ma taccettax il-halib minn ghandu.

Illi l-appellanti jikkontesta din il-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti abbazi tal-premessa illi skont il-kuntratt hija l-kumpanija li ghandha l-obbligu tezegwixxi it-testijiet kollha in konnessjoni mal-kwalita tal-halib u mhux ir-rahhal u huwa biss f'kaz ta' nuqqas ta' qbil illi l-produttur ghandu il-jedd jitlob li jiehu l-kampjuni mehtiega ghand terza persuna.

Illi l-artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 jistipula illi "Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".

**"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.**

**Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu.**

**Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma**

**jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet.**

**Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda.**

**Dan iwassal ghall-principju iehor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni**[3].

Illi stabbiliti dawn il-principli dottrinali u legali jinghad illi il-kontaminazzjoni tal-ilma fil-halib ma hijiex xi cirkostanza li ma setghetx tigi prevista minn qabel ma saru il-kuntratti mar-rahhala mis-socjeta appellata. Dan ifisser illi meta gie iffirmat il-kuntratt kellhom jigu pattwiti s-sanzjonijiet kollha mehtiega fl-eventwalita illi ikun hemm xi ksur tal-obbligu assunt mir-rahhal illi jikkonsenja halib skond il-kwalita mitluba u dan fid-dawl tad-direttivi maghmula mill-Unjoni Ewropeja in materja. Illi minn qari tal-klawsoli kontrattwali ma jirrizultax illi s-sanzjoni tar-rifjut tal-halib ghal perijodu ta' tletin jum hija prevista. Illi jissemmew diversi sanzjonijiet fosthom dak estrem illi iwassal ghax-xoljiment sahansitra tal-ftehim meta ikun hemm xi ksur ta' l-ispecifikazzjonijiet tal-kwalita indikati fl-Appendici 2, u r-rahhal jonqos milli jirrimedja ghal tali ksur ghas-sodisfazzjoni tal-kumpanija fil-perijodu specifikat minnha;[4] illi jithallas prezz inferjuri meta il-halib ikun imhallat bl-ilma; in-nuqqas ta' accettazzjoni tal-halib meta jinstab illi dan huwa ta' kwalita inferjuri.

[3] Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited PA 30/10/2003

[4] Ara klawsola numru 17.3 u 17.4

Madanakollu il-klawsola numru 11.10 imbaghad tistipula illi il-kumpanija ghandha id-dritt ma taccettax halib minn ghand il-produttur kemm il-darba jinstab illi dan ma hux qed ikun tal-kwalita mitluba u dan wara li ikunu saru zewg testijiet fuq fornituri precedenti. Dan ifisser ghalhekk illi l-kumpanija appellata kellha il-jedd li tieqaf taccetta il-halib minn ghand il-produttur meta jinstab illi huwa ma kienx qed ifornielha halib skont l-ispecifikazzjonijiet. Il-klawsola li issegwi imbaghad taghti jedd lill-kumpanija li terga' taccetta l-halib meta tkun sodisfatta illi r-rahhal ikun qieghed jikkonforma ruhu mal-ispecifikazzjonijiet. Illi allura l-interpretazzjoni ta' din il-klawsola kif moghtija mill-appellanti ma taghmilx sens billi maghdudin flimkien ma jistghux ifissru illi qed issir referenza ghall-okkazzjoni wahda biss u cioe' illi l-kumpanija ghandha il-jedd tirrfjuta li taccetta l-halib ghal darba wahda biss, izda ghandha necessarjament tfisser illi ir-rifjut jibqa' sakemm il-produttur ikun ipprova ghas-sodisfazzjoni tal-kumpanija illi l-halib tieghu huwa tal-kwalita rikjesta. Illi allura, kif gustament irriteniet l-Ewwel Qorti, ghalkemm il-kumpanija ma kellha l-ebda jedd timponi sanzjonijiet mhux ikkontemplati fil-kuntratt, madanakollu ma jidhirx illi fil-perijodu ta' xahar impost ir-rahhal ha xi azzjoni li permezz taghha ipprova illi l-halib tieghu kien qed jilhaq l-ispecifikazzjonijiet mehtiega. Fil-fatt fil-klawsola 11.7 hemm specifikat illi meta ikun hemm nuqqas ta' ftehim dwar il-kwalita tal-halib, il-produttur jista' jesigi illi kampjun tieghu jigi issiggillat u ittestjat minn terza persuna ghas-spejjez tieghu. Illi l-appellanti ma insistiex illi dan isehh. Dan necessarjament iwassal ghal konkluzjoni illi l-appellanti naqas milli iressaq provi sodisfacenti illi kien hemm ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tal-kumpanija li hija taccetta l-halib prodott minnu u li konsegwentement iwassalha sabiex tkun soggetta ghal hlas ta' danni *ex contractu*.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur